# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-30 ta' Novembru 2001**

**Citazzjoni numru 2373/98 GC**

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali tas-socjeta' estera Carlo Banfi S.p.A.**

**vs**

**Pillow Space Frame Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta' estera Carlo Banfi S.p.A., (debitament rapprezentata fil-proceduri odjerni mill-Avukat Dottor Hugh Pralta) giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' konvenuta b'sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni 11 ta' Milan, fir-Repubblika ta' l-Italja, permezz ta' sentenza emanata fit-23 ta' Jannar 1996 u depozitata fir-registru tal-Qorti ta' Milan nhar is-17 ta' Gunju 1996 (hawn aktar 'l isfel maghrufa bhala is-"sentenza de quo"), skond liema sentenza s-socjeta' konvenuta giet ikkundannata thallas lill-istess socjeta' estera Carlo Banfi S.p.A. is-somma ta' tmienja u erbghin miljun, sitt mija u wiehed elf lira Taljani (LIT. 48,601,000) ekwivalenti ghal circa hdax-il elf tliet mija u tnejn u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm11,362.43) oltre l-interessi legali mill-15 ta' Gunju 1991 sal-gurnata tal-pagament effettiv u l-ispejjez kollha inkorsi mill-attur nomine kif indikat fis-sentenza de quo kopja awtentikata taghha hawn annessa u mmarkata dokument ittra "A";

Illi din l-istess sentenza ghaddiet f'"res judicata" kif indikat mir-Registratur tal-Qorti ta' Milan, fl-Italja fid-dikjarazzjoni maghmula minnu rilaxxata nhar is-sebgha (7) ta' Otubru 1997 hawn annessa u mmarkarta bhala Dokument ittra "B";

Illi minkejja li l-attur nomine interpella lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ammont hekk kanonizzat, din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ai termini tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili tordna l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza de quo ghall-pagament tas-somma ta' tmienja u erbghin miljun, sitt mija u wiehed eluf liri Taljani (LIT 48,601,000) ekwivalenti ghal circa hdax-il elf, tliet mija u tnejn u sittin lirali Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm11,362.43) oltre l-interess legali mill-15 ta' Gunju 1991 imsemmija fis-sentenz de quo sal-gurnata tal-pagament effettiv u l-ispejjez kollha inkorsi mill-attur nomine;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata April 1998, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ukoll ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi s-sentenza Taljana ma tistax tigi esegwita ghaliex skond l-Artikoli 827(1)(a) u l-Artikolu 811(1) ic-citazzjoni li wasslet sas-sentenza mohgtija mill-Qorti Taljan ma gietx innotifikata lis-socjeta' konvenuta regolarment u l-istess socjeta' konvenuta ma dehritx fis-smiegh tal-kawza fil-proceduri esteri;

2. Illi s-sentenza Taljana giet moghtija minn qorti inkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' l-istess Qorti Taljana fuq is-socjeta' konvenuta, u dan peress li s-socjeta' konvenuta ma taqax taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti Taljan stante illi la kellha domicilju u lanqas residenza fl-Italja u ma jistax jinghad li l-konvenuta kienet issottomettiet ruhha gahll-gurisdizzjoni tal-Qorti Taljana;

3. Illi minghajr pregudizzju, is-sentenza Taljana giet moghtija fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta skond l-Art 827(1)(b) tal-Kap. 12;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-attur nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta sufficjentement li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Is-socjeta konvenuta naqset li tghamel sottomissjonijiet ulterjuri u li tipproduci provi dwar dak li gie allegat minnha fl-eccezzjonijiet. Ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet tas-socjeta konvenuta kif kontenuti fl-istess nota ta' eccezzjonijiet bl-ebda mod ma gew ippruvati. Dan nonostante li s-socjeta konvenuta nghatat kull oportunita' li tipproduci l-provi taghha;

Ghall dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-attur nomine u ai termini tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza estera indikata fic-citazzjoni ghall-pagament tas-somma ta' tmienja u erbghin miljun, sitt mija u wiehed eluf liri Taljani (LIT 48,601,000) jew l-ekwivalenti ta' din is-somma f'liri maltin fid-data ta' din is-sentenza oltre l-imghaxxijiet kollha legali mill-15 ta' Gunju 1991 indikati ukoll fl-istess sentenza estera sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.